# DEĊIŻJONI MEĦUDA BI FTEHIM KOMUNI BEJN IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

## tas-7 ta' Diċembru 2009

## dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija

(2009/913/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI,

Wara li kkunsidraw l-Artikolu 341 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-istabbiliment ta' Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ġie deċiż bir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija [1]

(2) Il-post tas-sede ta' din l-Aġenzija għandu jiġi ddeterminat,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għandu jkollha s-sede tagħha f'Ljubljana.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni, li ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandha tieħu effett fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. OLOFSSON

[1] ĠU L 211, 14.08.2009, p.1.